MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Numru 1369/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs**

**Emanuel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Farrugia, 35 sena, bin Angelo u Crucifissa nee’ Xuereb, imwieled fil-11 ta’ Frar, 1972 u li joqghod fl-indirizz 16, Pjazza San Gwann, Siggiewi detentur ta’ karta ta’ identita’ 111772M gie akkuzat talli:

Talli fl-4 ta’ Lulju, 2007, ghall-habta tas-1.00pm, fi Sqaq Patinjott, Limiti ta’ Siggiewi, saq vettura nru JAU-046 u b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-

arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura Nru CQZ-157 u nvolontarjament kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Bartholomew Engerer;

Kif ukoll involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Formosa skond kif certifikat Dr Alexia Schembri M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol 17 tal-Process (Dok. MC2) u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-seduta tallum il-parte civile Joseph Formosa iddikjara li issa fieq kompletament salv ghall-marka li ghandu f' wiccu u inoltre iddikjara li hu jahfer lill-imputat dwar l-akkadut.

Rat l-artikoli 226(1)(b) u 328 (c) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali ta' l-imputat u li Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Joseph Formosa

iddikjara li issa fieq kompletament salv ghall-marka li ghandu f wiccu u inoltre iddikjara li hu jahfer lill-imputat dwar l-akkadut, tillibera lill-istess imputat Emanuel Farrugia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundannah ghall-piena ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmu (Eur. 232.94) multa ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100).

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Emanuel Farrugia milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------